

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1347**tat-8 ta' Awwissu 2016**

li jemenda għall-250 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fit-3 ta' Awwissu 2016, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid żewġ persuni fiżiċi mal-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi aġġornat skont dan.
- (3) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatamenteq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakħar li jiġi ppubblifik f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2016.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Il-Kap tas-Servizz għall-Instrumenti ta' Politika Barranija*

¹) ĠUL 139 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 taħt l-intestatura “Persuni naturali”:

- (a) “Aslan Avgazarovich Byutukaev (psewdonimu (a) Аслан Авгазарович Бютукаев, (b) Amir Khazmat, (c) Амир Хазмат, (d) Abubakar, (e) Абубакар. Data tat-tweliż: 22.10.1974. Post tat-tweliż: Kitaevka, Distrett ta’ Novoselitskiy, Reġjun ta’ Stavropol, il-Federazzjoni Russa. Nazzjonalità: Il-Federazzjoni Russa. Indirizz: Akharkho Street, 11, Katyr-Yurt, Distrett ta’ Achkhoy-Martanovskiy, iċ-Ċeċenja, il-Federazzjoni Russa. Data tan-nomina msemija fl-Artikolu 7d(2)(i): 3.8.2016.”
- _____
- (b) “Ayrat Nasimovich Vakhitov (psewdonimu (a) Айрат Насимович Вахитов, (b) Salman Bulgarskiy, (c) Салман Булгарский. Data tat-tweliż: 27.3.1977. Post tat-tweliż: Naberezhnye Chelny, ir-Repubblika ta’ Tatarstan, il-Federazzjoni Russa. Nazzjonalità: Il-Federazzjoni Russa. Informazzjoni oħra: Jista’ juża passaport falz ta’ ċittadin Sirjan jew Iraqqin. Ritratt disponibbli għall-inklużjoni fl-Avviż Speċjali INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Data tan-nomina msemija fl-Artikolu 7d(2)(i): 3.8.2016.”